MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2015

Numru. 253/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Luke Bonello)**

**vs**

**Denise Sawyer u Enzo Sammut**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta` **Denise Sawyer**, bint Alfred Sammut u Emanuela xebba Sammut, imwielda l-Pieta, fit-30 ta' Lulju 1974 u li toqgħod fil-fond Princess Flat 12 Triq il-Principessa

Margerita, Msida u detentriċi ta' numru tal-karta tal-identita' 370274(M) u lil **Enzo Sammut**, iben Alfred u Emanuela xebba Sammut, imwieled l-Imtarfa, fl-1 ta' Diċembru 1974 u li joqgħod fil-fond 43 Awrata, Triq il-Kwartin, Swieqi u detentur ta' numru tal-karta tal-identita' 516270(M) fejn ġew akkużati talli nhar 1-24 ta' Settembru 2013 għall-ħabta ta' 01:30am, ġewwa San Giljan:

1. Bil-ħsieb li jagħmlu delitt urew dan il-ħsieb b'atti estemi u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt billi ħebbew għal Paul Debattista sabiex jikkaġunawlu ġrieħi ta' natura gravi, fejn id-delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaga aċċidentali u indipendenti mill-volonta tagħhom;
2. Mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqegħdu l-ħajja ta' Paul Debattista f'periklu ċar, ikkagunawlu ħsara fil-gisem jew fis-saħħa liema ħsara hija ta' natura ħafifa.

F'każ ta ħtija l-Qorti ġiet mitluba biex tipprovdi għas-sigurta ta' Paul Debattista ai termini ta' l-artikolu 383 et. sequitur, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta tal-10 ta' Marzu 2015 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament tiegħu u matul il-kors tal-eżami tal-imputati skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputati wieġbu li ma kellhomx oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 7 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputati ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputati, debitament assistiti mill-Avukat Difensur tagħhom, tennew li m'humiex ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom.

Semgħet il-provi prodotti;

Rat illi f'dan il-każ, il-Qorti rat li l-parte civile, Paul Debattista, li huwa l-uniku xhud okulari tal-Prosekuzzjoni, wara li ġie debitament imwissi mill-Qorti bid-dritt li għandu li ma jwieġebx għal mistoqsijiet li bit-tweġiba tagħhom setgħa jinkrimina lilu nnifsu, u wara li ġie mistoqsi mill-Qorti speċifikament dwar x'involviment kellu, jekk kellu, f'dan l-inċident li allegatament seħħh fl-24 ta' Settembru, 2013 għal ħabta tas-1.30 ta' filgħodu f'San Ġiljan, huwa saħaq li ma xtaqx illi jwieġeb għal din il-mistoqsija u għal mistoqsijiet oħrajn relattivi għall-dan l-inċident, għaliex bit-tweġiba tagħhom huwa seta' jinkrimina lilu inifsu.

Rat ulterjorment li dan ix-xhud tal-Prosekuzzjoni jinsab wkoll akkużat b'akkużi separati fir-rigward tal-involviment tiegħu f'dan l-inċident f'liema inċident allegatament Denise Sawyer u Enzo Sammut sfaw ukoll aggrediti u sofferenti grieħi gravi u ħfief rispettivament.

Rat inoltre li l-Ispettur Luke Bonello xehed dwar ir-riżultanzi tar-rapporti magħmula rigward dan il-każ mis-subalterni tiegħu u li la huwa u l-anqas is-subalterni tiegħu ma kienu xhieda okulari tal-allegat inċident.

Rat ukoll li l-Prosekuzzjoni ma kellhiex provi oħra x'tipproduċi f'dan il-każ.

Ikkunsidrat li f'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-każ tagħha sal-grad rikjest mil-Liġi.

***<u>Deċide : -</u>***

Għaldaqstant, il-Qorti qegħda ssib lil Denise Sawyer u lil Enzo Sammut mhux ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom u tilliberahom minn kull ħtija u piena.

***Mogħtija illum, l-10 ta' Marzu 2015 fil-Bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------